MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 53/2002/1

**Giuda sive Teddy Borg**

**vs**

**Charles sive Charlie Mintoff**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta’ hames mija u tnejn u erbghin lira Maltin (Lm542) dovuti lilu bhala hlas ta’ danni u cioe’ xiri ta’ *parts* u hlas tal-*panel beater* sofferti mill-konvenut fil-vettura tal-marka Honda Civic u bin-numru tar-registrazzjoni IAZ 118, liema danni gew ikkawzati mill-konvenut wara li habat mal-vettura tal-attur u baqa’ sejjer fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Dicembru elf disa’ mija tmienja u disghin (1998) izda aktar tard ikkomunika ma’ l-attur u ammetta li kien hu l-persuna li kkawzat id-danni fil-vettura tal-attur.

Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjes ta' l-ittri interpellatorji mibghuta lilu, l-ispejjes ta' l-ittra ufficjali mibghuta lill-assikurazzjoni tal-konvenut kontestwalment ma' dan l-Avviz u l-ispejjes ta' din il-procedura."

Ra r-risposta:

"Illi it-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex qabel xejn it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili; u fit-tieni lok ghaliex l-ammont pretiz mill-attur huwa fi kwalunkwe kaz esagerat.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attur."

Ra l-atti tal-kawza;

Ikkunsidra;

Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni:

Irrizulta li l-incident awtomobilistiku li minhabba fih l-attur qieghed jitlob il-hlas tad-danni sehh fit-22 ta' Dicembru 1998. Kien il-konvenut stess li nforma bit-telefon lill-attur minnufih – l-ghada stess tal-incident – li kien habat mal-karozza stazzjonarja tal-attur, ammetta t-tort u mar mieghu il-jum ta' wara t-telefonata biex ihallas l-*excess* tal-assikurazzjoni.

Il-konvenut qieghed jeccepixxi l-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-artiklu 2153 tal-Kodici Civili li jghid hekk: *l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni gheluq ta' sentejn.*

L-attur da parti tieghu sostna li l-preskrizzjoni kienet giet interrotta permezz ta' ittra ufficcjali li pprometta li jesebixxi izda fil-fatt naqas milli jaghmel dan. L-unika ittra ufficcjali li hemm fil-process hija dik datata 10 ta' Jannar 2001 a fol

22 esibita mill-istess konvenut. Kjarament lahqu ddekorrew sentejn minn jumejn wara t-22 ta’ Dicembru 1998 u n-notifika tal-ittra ufficcjali f’xi data wara l-10 ta’ Jannar 2001.

L-attur isostni wkoll li l-konvenut irrinunzja ghall-preskrizzjoni a tenur tal-artiklu 2133 tal-Kodici Civili li jghid li *Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja* kif ukoll a tenur tal-artiklu 2134 tal-istess kodici: *il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bil-hlas akkont tad-dejn maghmul mid-debitur innifsu jew minn wiehed li jkun jidher ghalih.*

Certament il-fatt li l-konvenut hallas l-*excess* jista’ talvolta jinterrompi l-preskrizzjoni sa dakinhar tal-pagament, izda zgur ma jista’ qatt jitqies bhala xi rinunzja ghall-preskrizzjoni futura. Anzi huwa addirittura projbit mil-ligi (Artiklu 2108 tal-Kodici Civili) li ssir tali rinunzja bil-quddiem ghall-preskrizzjoni, billi, kif jghid il-Baudry-Lacantinerie, **Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile, Della Prescrizione, para 53** *Si comprende facilmente come non si possa anticipatamente rinunciare alla prescrizione: una disposizione che lo permettesse sarebbe contraria all’interesse sociale; essa incoraggerebbe la negligenza e lincuria dei titolari dei diritti; andrebbe contro lo scopo della prescrizione “la prescrizione, dice lesposizione dei motivi, essendo necessaria per il mantenimento dellordine sociale, fa parte del diritto pubblico, al quale nessuno puo’ derogare.”*

Jonqos li jigi kkunsidrat jekk l-istqarrija mill-konvenut in kontro-ezami li huwa kien jahti ghall-incident tammontax ghal rinunzja ghall-preskrizzjoni li allura kienet diga ddekorriet.

Il-Giorgi, **Teoria delle Obbligazioni, 1888, Vol VIII, f’para 276** jghid li *la recognizione, per venire all’ultima indagine, puo’ essere espressa o tacita. Proteiformi sono gli atti, da cui puo’ risultare; purche’ne sia chiara la relazione con il debito; e ne risulti non equivoca la volonta’ del debitore di ritenersi per interpellato … … … … … …*

*… … una ricognizione vaga di tutti l diritti del creditore non avrebbe alcun valore, perche' non si saprebbe a qual credito riferirla.*

Il-Qrati taghna wkoll stabbilew illi r-rikonoxximent tad-debitu, billi huwa rinunzja ta' dritt, irid jigi interpretat restrittivament – ***Giuseppe Farrugia vs Filippo Perini – 07.12.1901 Vol XVIII.ii.81; Teresa Falzon vs Rosina Cilia et 22.11.1943 Vol XXXI.i.409*** u jridu jirrizultaw minn att inekwivoku tad-debitur li jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur: ***Pio Cellini vs Maria Concetta Francalanza et – Appell - 16.12.1918 Vol XXIII.i.720; Giovanni Bezzina vs Lucrezia Formosa – Appell – 01.07.1939 XXX.i.989; Giorgina Xuereb vs Dr Giuseppe Sacco et noe 22.05.1946 XXXII.i.342; Carmelo Micallef vs Brig. John Belle Mc Cance noe 30.05.1952 XXXVI.i.133; Joseph Carabott et vs Lorenzo Decelis 29.04.1976 (mhux ippubblikata).***

Il-konvenut, in kontro-ezami, irrijafferma illi l-incident gara tort tieghu (fol 25). Izda fl-ebda hin ma ammetta li ghandu jaghti lill-konvenut kumpens tad-danni li sofra kawza tal-incident minnu kkawzat, u dan billi dehrlu (tajjeb jew hazin) li galadarba hallas l-*excess*, allura huwa ma kellu x'jaqsam xejn iktar mal-attur u kellha tkun id-ditta assikuratrici tal-konvenut li kellha, se mai, thallas id-danni. Difatti, meta tlett gimghat wara li ghamel il-claim avvicinah l-attur u qallu li kellu xi problemi ghax id-ditta assikuratrici tal-konvenut ma riditx ittih parts genwini, il-konvenut wiegbu *I can't do anything about it, got nothing to do with me. I said, I've done my share.* L-istess ghamel il-konvenut wara li rcieva l-ittra ufficcjali tal-10 ta' Jannar 2001: wiegeb, permezz tal-avukat tieghu (fol 21) li pretenzjoni tal-attur kienet preskritta u fi kwalunkwe kaz kwalunke pretenzjoni tal-attur kellha tigi indirizzata lis-socjeta' assikuratrici tal-konvenut billi dan kien ghamlilha l-claim relattiv.

Ghalhekk ma hemm l-ebda dubbju li l-konvenut b'mod konsistenti **cahad** li kien debitur tal-attur.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni u jiddikjara l-azzjoni tal-attur preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili u konsegwentement jichad it-talbiet dedotti fl-avviz tat-talba.

Salva kwalunkwe azzjoni li l-attur jista' jkollu kontra d-ditta assikuratrici tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur
(ft) M'Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur